MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 964/1997/1

**Lucia Dalli**

**vs**

**Brahim Dong**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-5 ta’ Jannar 1994 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A).

Il-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg *ai fini* ta’ l-**artikolu 19(1)(f).**

Illi in effetti z-zwieg dam biss ftit granet ghax il-konvenut qabad u telaq tant illi lanqas biss qatt ma kien hemm intimita bejniethom.

Illi z-zwieg huwa null peress illi l-kunsens kien vizzjat peress li l-kontedenti kienu ftehmu a priori li ma jkollhomx tfal u langqs biss intimita sesswali bejniethom u kuen biss zwieg ta' konvenjenza.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fil-5 ta' Jannar 1994 huwa null u bla effett ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tad-9 ta' Frar 1999 u tat-22 ta' April 1999.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-5 ta' Lulju 1999 biex issir in-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali.

Rat il-verbali tas-6 ta' Lulju 1999 fejn giet awtorizzata n-notifika wara l-hinijiet legali, tal-24 ta' Jannar 2000, tat-12 ta' Gunju 2000, tas-7 ta' Novembru 2000, tal-20 ta' Frar 2001 fejn il-kawza in vista tal-verbali precedenti giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors tal-attrici tat-30 ta' Mejju 2001 u d-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Lulu 2001 fejn il-kawza regghet giet appuntata ghas-smiegh ghas-27 ta' Settembru 2001.

Rat il-verbal tas-27 ta' Settembru 2001, tat-30 ta' Jannar 2002, tas-26 ta' Frar 2002 u tad-9 ta' April 2002.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-10 ta’ Meju 2002 biex issir in-notifika tal-konvenut wara l-hinijiet legali u d-digriet tal-Qorti tat-13 ta’ Mejju 2002 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Mejju 2002 fejn dehru Dr David Camilleri ghall-attrici u l-konvenut li ta’ ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Il-konvenut iddikjara wkoll il jirrimetti ruhu ghall-provi. Inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta’ erbghin jum kullwiehed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Novembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret mill-attrici sabiex iz-zwieg taghha mal-konvenut li sar fil-5 ta’ Jannar 1994 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* u effetti kollha tal-ligi.

Illi fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2002 dehru Dr David Camilleri ghall-attrici u l-konvenut li ta’ ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Il-konvenut iddikjara wkoll il jirrimetti ruhu ghall-provi.

Illi f’din l-imsemmija seduta, il-Qorti tat digriet sabiex il-partijiet fi zmien erbghin gurnata kull wiehed jipprezentaw il-provi taghhom permezz tal-affidavits. Illi *nonostante* dan, tali digriet gie kompletament injorat u l-ebda provi ma gew ghalhekk prodotti f’din il-kawza. B’hekk din il-Qorti ma ngabu ebda provi quddiemha biex jigu sostanzjati t-talbiet attrici u ghalhekk tichad it-talbiet attrici minhabba assenza totali ta’ provi.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi **tichad it-talba attrici** *stante* li l-attrici naqset li tressaq provi in sostenn tal-istess.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Novembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Novembru 2002**